



2024/3177

16.12.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/3177

tas-16 ta' Diċembru 2024

li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarussja, jenħtieġ li 26 persuna fiżika u 2 pesuni ġuridiċi jiġu inklużi fil-lista tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

⁽¹⁾ ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) il-persuni fiżiċi li ġejjin jiżiedu mal-lista stabbilita fit-taqsimha "A. Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
"262.	Vitali Viktaravich SINILA Vitaliy Viktorovich SINILO	Віталій Віктаравіч СІНІЛА Віталій Вікторович СІНІЛО	Imhallett u president tal-qorti ta' Mostovsky district ta' Grodno region Data tat-twelid: 15.5.1976 Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3161180C038PB1	Vitali Sinila huwa mhallfet Belarussu u president tal-qorti tad-distrett ta' Mostovsky tar-reġjun ta' Grodno. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi kontra għadd ta' ċittadini tal-Belarussja li esprimew l-opinjoni tagħhom kontra l-President u l-awtoritajiet tar-reġim, eż. Viktor Tsarkevich u Sergei Burak, għad-dissens li esprimew fuq il-media soċjali u offline. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	16.12.2024
263.	Iryna Vasieuna PRADUN Irina Vasilevna PRADUN	Ірына Васільеўна ПРАДУН Ирина Васильевна ПРАДУН	Imhallett u president tal-qorti ta' Rogachev district ta' Gomel Region Data tat-twelid: 21.5.1974 Nazjonalità: Belarussa Sess: mara Identifikazzjoni personali: 4210574H035PB4	Iryna Pradun hija mhallfet Belarussa u president tal-qorti tad-distrett ta' Rogachev tar-reġjun ta' Gomel. Hija nharet minn Aliaksandr Lukashenka. Hija ħareġ sentenzi kontra għadd kbir ta' ċittadini tal-Belarussja li esprimew l-opinjoni tagħhom kontra l-President. Hija ħareġ ukoll sentenzi kontra għadd ta' individwi għall-allegata parteċipazzjoni tagħhom fi protesti u talli offrew reżistenza għall-brutalità tal-awtoritajiet Belarussi tal-infurzar tal-liġi, eż. fil-każ kontra Evgeny Kokhanovsky, li skont id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ġie mġiegħel jammetti l-ħtija li ħa sehem fi protesti. Għaldaqstant hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
264.	Vadzim Ivanavich MAZOL Vadim Ivanovich MOZOL	Вадзім Іванавіч МАЗОЛЬ Вадим Иванович МОЗОЛЬ	Imħallef ta' Pruzhany District Court ta' Brest Region Data tat-twelid: 13.4.1974 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3130474C031PB6	Vadzim Mazol huwa mħallef Belarussu tal-Qorti Distrettwali ta' Pruzhany tar-Reġjun ta' Brest. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi kontra għadd kbir ta' ċittadini tal-Belarussja li esprimew l-opinjoni tagħhom kontra l-President u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tar-reġim, inkluż fuq il-media soċjali. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
265.	Nina Uladzimirauna SHASTAK Nina Vladimirovna SHESTAK	Ніна Уладзіміраўна ШАСТАК Нина Владимировна ШЕСТАК	Imħallef tal-Brest Regional Court Data tat-twelid: 1.5.1958 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara Identifikazzjoni personali: 4010558C080PB9	Nina Shastak hija mħallef Belarussa tal-Qorti Reġionali ta' Brest. Hija nħatret minn Aliaksandr Lukashenka. Hija ħareġ sentenzi kontra għadd ta' ċittadini tal-Belarussja li esprimew l-opinjoni tagħhom kontra l-awtoritajiet tar-reġim Belarussu. Hija ttrattat ukoll appelli kontra sentenzi ta' dimostranti paċifiċi u kkonfermat dawk is-sentenzi. Għaldaqstant hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
266.	Vera Viacheslavauna FILONIK Vera Vyacheslavovna FILONIK	Вера Вячаславаўна ФІЛОНІК Вера Вячеславовна ФИЛОНИК	Imħallef tal-Brest Regional Court Data tat-twelid: 8.3.1990 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara Identifikazzjoni personali: 4080390K014PB5	Vera Filonik hija mħallef Belarussa tal-Qorti Reġionali ta' Brest. Hija nħatret minn Aliaksandr Lukashenka. Hija ħareġ sentenzi kontra għadd kbir ta' ċittadini tal-Belarussja akkużati li ħadu sehem fil-protesti kontra r-reġim Belarussu f'Awwiisu 2020. Għaldaqstant hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
267.	Iryna Leanidauna MAIKO Irina Leonidovna MAIKO	Ірына Леанідаўна МАЙКО Ирина Леонидовна МАЙКО	Imħallef tal-Minsk Regional Court Data tat-twelid: 25.11.1974 Nazzjonalità: Belarussa Sess: mara Identifikazzjoni personali: 4251174A007PB7	Iryna Maiko hija mħallef Belarussa tal-Qorti Reġjonali ta' Minsk. Hija nħatret minn Aliaksandr Lukashenka. Hija ħarġet sentenzi kontra ċittadini li esprimew l-opinjoni tagħhom kontra l-President u l-awtoritajiet tar-reġim, eż. Roman Yankouski u Mikhail Nemtsov, għad-dissens li esprimew fuq il-media soċjali u offline. Għaldaqstant hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
268.	Vasili Vasilievich BIAGUN Vasily Vasilyevich BEGUN	Васілій Васільевіч БЯГУН Василий Васильевич БЕГУН	Imħallef tal-Gomel Regional Court Data tat-twelid: 9.12.1960 Post tat-twelid: Kondopoga, Republic of Karelia, Russia Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Vasily Biagun huwa mħallef Belarussu li serva fil-Qorti Reġjonali ta' Gomel mill-2003. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Biagun ħareġ bosta deċiżjonijiet kontra l-avversari tal-awtoritajiet Belarussi, inkluż sentenzi kontra individwi għall-attività tagħhom fuq il-media soċjali. Huwa ħareġ ukoll sentenzi ta' ħabs politikament motivati kontra Nikita Slepenska (tliet snin) u Pavel Bobchenko (sentejn). Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
269.	Yauheni Anatolevich BREGAN Evgeni Anatolevich BREGAN	Яўтэній Анатольевіч БРЭГАН Евгений Анатольевич БРЭГАН	Imħallef tal-Brest Regional Court Data tat-twelid: 26.3.1982 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3260382K020PB0	Yauheni Bregan huwa mħallef Belarussu tal-Qorti Reġjonali ta' Brest. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Qabel huwa kien imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Moskovsky f'Brest u mħallef tal-belt ta' Baranovich fir-reġjun ta' Brest. Huwa ħareġ sentenzi kontra għadd kbir ta' ċittadini tal-Belarussja akkużati, fost affarijiet oħra, li ħadu sehem fil-protesti kontra r-reġim Belarussu f'Awwissu 2020. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
270.	Aliaksandr Mikalaevich MOKHORAU Alexander Nikolaevich MOKHOREV	Аляксандр Мікалаевіч МОХОРАЎ Александр Николаевич МОХОРЕВ	Imhallee ta' Soviet District Court tal-belt ta' Gomel Data tat-twelid: 16.4.1986 Nazżjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3160486H031PB9	Aliaksandr Mokhorau huwa mħallef Belarussu li serva fil-Qorti Distrettwali Sovjetika tal-belt ta' Gomel mill-2021. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Huwa ħareġ sentenzi kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-President, is-sistema u l-brutalità tal-istrutturi tal-infurzar tal-liġi Belarussi. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
271.	Alesya Uladzimiravna OSIPAVA Olesya Vladimirovna OSIPOVA	Алеся Уладзіміраўна ОСІПАВА Олеся Владимировна ОСИПОВА	Imhallee ta' Central District Court tal-belt ta' Gomel Data tat-twelid: 4.9.1979 Nazżjonalità: Belarussa Sess: mara Identifikazzjoni personali: 4040979H059PB4	Alesya Osipava hija mħallef Belarussa li ilha sservi fil-Qorti Distrettwali Ċentrali tal-belt ta' Gomel mill-2019. Hija nharet minn Aliaksandr Lukashenka. Hija ħarġet sentenzi kontra ċittadini tal-Belarussja li semmgħu leħinhom kontra l-President, is-sistema u l-brutalità tal-istrutturi tal-infurzar tal-liġi Belarussi. Għaldaqstant hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
272.	Viktar Viktaravich NOVIK Viktor Viktorovich NOVIK	Віктар Віктаравіч НОВІК Виктор Викторович НОВИК	Imhallee, President tal-Qorti, Zhabinka District Data tat-twelid: 27.5.1963 Post tat-twelid: Belaye, Mamlyutsky district, North Kazakhstan region, Kazakhstan Nazżjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3270563K025PB7	Viktar Novik huwa mħallef Belarussu li ilu jservi fil-Qorti Distrettwali ta' Zhabinka mill-2017. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Novik joħroġ bosta deċiżjonijiet kontra l-avversarji tal-awtoritajiet Belarussi. Huwa ħareġ sentenzi ta' ħabs politikament motivati kontra Vitali Ivanyukovich (sentejn), Natalia Letsko (sena), Andrei Vlasov u Yulia Suvalko (tliet snin) u Valentin Shumik (sentejn). Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
273.	Vadzim Rastivlavovich MURASHKA Vadim Rostslavovich MURASHKO	Вадзім Расціслававіч МУРАШКА Вадим Ростиславович МУРАШКО	Kap tal-istituzzjoni korrettiva Penal Colony No. 13 Data tat-twelid: 20.6.1979 Post tat-twelid: Bortniki, Hlybokaye District, Vitebsk Region, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3200679E065PB6	Vadzim Murashka huwa ċittadin Belarussu u kap tal-istituzzjoni korrettiva tal-Kolonja Penali Nru 13, ħabs b'sigurtà massima fejn jinżammu għadd ta' prigionieri politiċi, inkluż Nikolai Statkevich, Vitaly Melnik u Sergei Vereshkhagin. Il-prigionieri tal-Kolonja Nru 13 jiffaċċaw kundizzjonijiet inumani u huma soġġetti għal abbużi. Għaldaqstant huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
274.	Siarhei Uladzimiravich BIAREISHYK Sergey Vladimirovich BEREISHIK	Сяргей Уладзіміравіч БЯРЭЙШЫК Сергей Владимирович БЕРЕИШИК	Viċi kap ta' pretrial detention center No. 1 'Voldarka' Data tat-twelid: 31.10.1976 Post tat-twelid: Minsk, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3311076A076PB6	Siarhei Biareishyk huwa l-viċi kap taċ-Ċentru ta' Arrest Preventiv Nru 1 'Voldarka'. F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għat-trattament inuman tad-detenuti, inkluż swat, iffullar u nuqqas ta' trattament mediku u tagħmir sanitarju xieraq. Il-maġġoranza tal-ħabsin huma detenuti politiċi, bħall-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, fundatur tal-assoċjazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem Belarussa Viasna u Rebbieh tal-Premju Nobel għall-Paċi tal-2022 Ales Bialiatski, li kien detenut f'"Voldarka" sa Ottubru 2024. Siarhei Biareishyk huwa għaldaqstant responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
275.	Mikalai Mikalaevich MUSHKAROU Nikolai Nikolaevich MUSHKAROV	Мікалай Мікалаевіч МУШКАРОЎ Николай Николаевич МУШКАРОВ	Viċi kap ta' labour service in Pre-trial Detention Center No. 1 "Voldarka"Data tat-twelid: 19.12.1980 Post tat-twelid: Minsk, Belaruss Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3191280A031PB0	Mikalai Mushkarou huwa l-viċi kap tas-servizz tax-xogħol fiċ-Ċentru ta' Arrest Preventiv Nru 1 'Voldarka'. F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għat-trattament inuman tad-detenuti prinċipalment politiċi, inkluż swat, iffullar u nuqqas ta' trattament mediku u tagħmir sanitarju xieraq. Il-maġġoranza tal-ħabsin huma detenuti politiċi, bħall-attivists tad-drittijiet tal-bniedem, fundatur ta' Viasna u Rebbieh tal-Premju Nobel għall-Paċi tal-2022 Ales Bialiatski, li kien detenut f'Voldarka' sa Ottubru 2024. Mikalai Mushkarou huwa għaldaqstant responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
276.	Siarhei Mikalaevich PETRAKOVICH Sergey Nikolaevich PETRAKOVICH	Сяргей Мікалаевіч ПЕТРАКОВІЧ Сергей Николаевич ПЕТРАКОВИЧ	Kap tal-istituzzjoni korrettiva Penal Colony No.9 Data tat-twelid: 26.10.1976 Post tat-twelid: Stan, Gorki District, Mogilev Region, Belaruss Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3261076M062PB5	Siarhei Petrakovich huwa l-kap tal-Kolonja Penali Nru 9. F'din il-pożizzjoni huwa responsabbli għat-trattament inuman tal-priġunieri, inkluż l-iżolament u s-swat. Il-maġġoranza tal-ħabsin huma priġunieri politiċi, bħal Mikola Dedok u r-rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi tal-2022 Ales Bialiatski. Siarhei Petrakovich huwa għaldaqstant responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
277.	Viktar Piatrovich LUTSAU Viktor Petrovich LUTSEV	Віктар Пятровіч ЛУТЦАЎ Виктор Петрович ЛУТЦЕВ	Kap tal-unità medika, Prison No. 1 fi Grodno Data tat-twelid: 24.12.1985 Post tat-twelid: Grodno, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3241285K026PB1	Viktar Luttsau huwa l-kap tal-unità medika fil-Ħabs Nru 1 fi Grodno. F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għat-trattament inuman tad-detenuti u għan-nuqqas ta' assistenza medika xierqa u f'waqtha. In-nuqqas ta' trattament mediku xieraq wassal għall-mewt tal-priġunier politiku Ales Pushkin, li ma ngħatax assistenza medika f'waqtha. Għaldaqstant huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	16.12.2024
278.	Ihar Tsimafeevich SUBOTSIN Igor Timofeyevich SUBBOTIN	Ігар Цімафеевіч СУБОЦІН Игорь Тимофеевич СУББОТИН	Negozjant Data tat-twelid: 15.10.1951 Post tat-twelid: Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3151051A006PB8	Ihar Subotsin huwa assoċjat mill-qrib fit-tul ta' Alexander Shakutin. Ihar Subotsin ilu jaħdem ma' Alexander Shakutin mill-bidu tas-snin 1990 u kien ukoll l-assistent tiegħu meta Alexander Shakutin kien membru tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja u l-viċi tiegħu fil-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis. Kemm Alexander Shakutin kif ukoll Ihar Subotsin huma azzjonisti fil-kumpaniji li ġejjin: SIA Anulatrans (Latvja), SV Maschinen GmbH (Ġermanja), PMI Engineering LLC (Belarussja), SALEO LLC (Belarussja), UAB EM System (Litwanja). Huma kofundaturi u koproprietarji ta' Prommedinvest, li issa tissejjaħ SALEO LLC (Belarussja). Din il-kumpanija hija wkoll parzjalment proprjetà ta' EM System, PMI Engineering, u SV Maschinen GmbH, li kemm Shakutin kif ukoll Subotsin huma azzjonisti tagħha. Ihar Subotsin huwa għaldaqstant assoċjat ma' Alexander Shakutin.	16.12.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
279.	Aliaksei Ivanovich SHVAKAU Alexey Ivanovich SHVAKOV	Аляксей Іванавіч ШВАКОЎ Алексей Иванович ШВЯКОВ	President tal-Belarusian Republican Bar Association (mill-14 ta' Frar 2022); eks president tal-Assoċjazzjoni tal-Minsk City Bar Association (26 ta' April 2012 – 20 ta' Frar 2022) Data tat-twelid: 5.10.1964 Nazżjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport: 3051064A050PB	Fir-rwol tiegħu bħala President tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Repubblikana Belarussa, Aliaksei Shvakau kien qed imexxi u jsawwar il-politika tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati Repubblikana Belarussa dwar repressjoni sistemika kontra avukati li jirrappreżentaw klijenti f'każijiet politikament motivati jew li jtkellmu kontra abbużi mir-reġim ta' Lukashenko. Fir-rwol preċedenti tiegħu bħala president tal-Assoċjazzjoni tal-Avukati tal-Belt ta' Minsk, huwa kellu wkoll fil-mira tiegħu avukati li jirrappreżentaw lil klijenti f'każijiet politikament motivati. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika u l-attivitajiet li jdgħajfu l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	16.12.2024
280.	Aleh Genadzevich ARLOU Oleg Gennadievich ORLOV	Алег Генадзевіч АРЛОЎ Олег Геннадьевич ОРЛОВ;	Data tat-twelid: 18.7.1969 Post tat-twelid: Azerbaijan Nazżjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport: MP3428828	Aleh Arlou huwa negozjant li jopera fil-Belarussja. Huwa s-sid ta' Ruzekspeditsiya LLC mis-7 ta' Awwissu 2023. Mill-2019, il-kumpanija ta' Aleh Arlou mexxiet in-negozju tagħha miż-Żona Ekonomika Speċjali (SEZ) ta' Bremino-Orsha, stabbilita b'digriet presidenzjali ta' Aliaksandr Lukashenka, li hija ġestita minn Bremino Group LLC. Il-kumpaniji stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Speċjali ta' Bremino-Orsha jibbenefikaw minn vantaġġi fiskali u oħrajn finanzjarji. Is-SEZ ta' Bremino-Orsha tospita u għalhekk tagħti dawn il-benefiċċji lil sitt kumpaniji biss, inkluż Bremino Group LLC. Id-deċiżjoni dwar min jista' jaqsa il-benefiċċji tas-SEZ ta' Bremino-Orsha billi jsir residenti tagħha, hija biss fidejn Bremino Group LLC bħala l-kumpanija responsabbli għall-ġestjoni tas-SEZ. Skont l-investigazzjonijiet tal-ġurnalisti, Ruzekspeditsiya hija involuta fi skema ta' evażjoni tas-sanzjonijiet li tikkonċerna r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006. Minn dan isegwi li Arlou huwa assoċjat ma' entitajiet elenkati taħt ir-Regolament (KE) Nru 765/2006, jiġifieri Ruzekspeditsiya LLC u Bremino Group. Permezz tas-sjeda tiegħu tal-kumpanija huwa jibbenefika wkoll mill-vantaġġi mogħtija lil Ruzekspeditsiya LLC mir-reġim. Huwa jipparte-ċipa wkoll fi skema mfassla biex tfixkel ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006.	16.12.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
281.	Andrei Aliakseevich RYBAKOU Andrei Alekseevich RYBAKOV	Андрэй Аляксеевіч РЫБАКОЎ Андрей Алексеевич РЫБАКОВ	Direttur Ġenerali ta' OAO Belaruskali Eks President tat-Tħassib tal-Belarusian State Concern for Oil and Chemistry (Belneftekhim) Data tat-twelid: 11.7.1976 Post tat-twelid: Mohiliow (Mogilev), Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Andrei Rybakou huwa d-Direttur Ġenerali ta' OAO Belaruskali. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukahsenka fl-4 ta' Novembru 2024, li meta ssostitwixxa lil Ivan Golovaty. Lukashenka ddeskriva lil Belaruskali bħala 'intrapriża vitali li tiffirma l-istat'. Qabel, Rybakou kien il-President tal-Belarusian State Concern for Oil and Chemistry (Belneftekhim), sanzjonata mill-UE mit-3 ta' Awwissu 2023. F'dik il-kapaċità, huwa kien responsabbli għall-produzzjoni tar-raffineriji taż-żejt Belarussi, operazzjoni vitali għar-reġim ta' Lukashenka. Dmitri Krutoi, il-Kap tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Belarussja, iddikjara li Rybakou nħatar speċifikament għall-‘esperjenza speċifika’ tiegħu fit-tmexxija tal-entità ‘l-aktar sanzjonata’ – Belneftekhim. Għalhekk, Andrei Rybakou jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah billi jimmaniġġa kumpaniji tal-istat ta' importanza kbira għar-reġim. Huwa assoċjat ukoll mal-entità sanzjonata OAO Belaruskali, bħala d-Direttur Ġenerali tagħha.	16.12.2024
282.	Aleh Fyedaravych BARABANAU Oleg Fedorovich BARABANOV	Алег Фёдаравіч БАРАБАНАЎ Олег Фёдорович БАРАБАНОВ	Data tat-twelid: 29.8.1956 Post tat-twelid: Grodno region, Belarus Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Nru tal-passaport: KH2539329 Karta tal-Identità Nazzjonali: 3290856K010PB6	Aleh Barabanau huwa d-direttur u s-sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC, kumpanija tat-trasport u tal-ħżin li għandha l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat. Permezz ta' dan l-istatus, maħruġ mill-awtoritajiet tal-istat, igawdi minn vantaġġi sinifikanti tat-taxxa. Permezz tal-privileġġi mogħtija lill-kumpanija, Barabanau jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	16.12.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
283.	Aleh Ramualdavych HERASIM Oleg Romualdovich GERASIM	Алер Рамуальдавіч ГЕРАСІМ Олег Ромуальдович ГЕРАСИМ	Data tat-twelid: 3.3.1962 Post tat-twelid: Belarus Nazżjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport: MP3293367 Karta tal-Identità Nazżjonali: 3030362A074PB6	Aleh Herasim huwa s-sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC, kumpanija tat-trasport u tal-ħżin li għandha l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat. Permezz ta' dan l-istatus, maħruġ mill-awtoritajiet tal-istat, igawdi minn vantaġġi sinifikanti tat-taxxa. Permezz tal-privileġġi mogħtija lill-kumpanija, Herasim jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	16.12.2024
284.	Aleh Uladzimiravych PIATROU Oleg Vladimirovich PETROV	Алер Уладзіміравіч ПЯТРОЎ Олег Владимирович ПЕТРОВ	Data tat-twelid: 26.3.1962 Post tat-twelid: Russia Nazżjonalità: Russa Sess: raġel Nru tal-passaport: OI110473	Aleh Piatrou huwa s-sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC, kumpanija tat-trasport u tal-ħżin li għandha status ta' operatur ekonomiku awtorizzat. Permezz ta' dan l-istatus, maħruġ mill-awtoritajiet tal-istat, igawdi minn vantaġġi sinifikanti tat-taxxa. Permezz tal-privileġġi mogħtija lill-kumpanija, Piatrou jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	16.12.2024
285.	Andrei Ryhoravich SVIRYDAU Andrei Grigoryevich SVIRIDOV	Андрэй Рыгоравіч СВІРЫДАЎ Андрей Григорьевич СВИРИДОВ	Direttur finanzjarju ta' Dimicandum Invest Holding LTD Data tat-twelid: 24.11.1983 Post tat-twelid: Belarus Nazżjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport: KH 1801845	Andrei Svirydau huwa d-direttur finanzjarju ta' Dimicandum Invest Holding LTD, kumpanija stabbilita fl-UE. Fl-2022 u l-2023, Dimicandum Invest Holding LTD ipprovdiet servizzi ta' trasport u ta' spedizzjoni lil OJSC Belaruskali – li ilha ddeżinjata mill-Unjoni mill-2022 – bi prezz kważi d-doppju tar-rata tas-suq. Bħala direttur finanzjarju ta' Dimicandum, Svirydau ffirmat dokumenti li jikkonfermaw dan il-ftehim, li jiffaċilita l-imminar tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006. Minn dan isegwi li billi għamel fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju ta' OJSC Belaruskali, Andrei Svirydau fixxkel b'mod sinifikanti l-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006. Barra minn hekk, Andrei Svirydau qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġa billi jiffaċilita l-esportazzjoni tal-fertilizzanti potassiċi tal-Belarussja.	16.12.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
286.	Dzmitry Mihaylavych ZAMULEVICH Dmitriy Mikhailovich ZAMULEVICH	Дзмітрый Міхайлавіч ЗАМУЛЕВІЧ Дмитрий Михайлович ЗАМУЛЕВИЧ	Sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC Data tat-twelid: 7.5.1974 Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport Belarussu: BM2229283 Karta tal-Identità tal-Belarussja: 3070574E057PB8	Dzmitry Zamulevich huwa s-sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC, kumpanija tat-trasport u tal-ħżin li għandha l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat. Permezz ta' dan l-istatus, maħruġ mill-awtoritajiet tal-istat, tgawdi minn vantaġġi sinifikanti tat-taxxa. Permezz tas-sjieda ta' Vlate Logistik LLC, Zamulevich huwa assoċjat ma' entità li tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	16.12.2024
287.	Uladzimir Mihaylavych ARKADZYEU Vladimir Mikhailovich ARKADIEV	Уладзімір Міхайлавіч АРКАДЗЬЕЎ Владимир Михайлович АРКАДЬЕВ	Part-owner of Vlate Logistik LLC Data tat-twelid: 23.4.1965 Post tat-tweild: Russia Nazzjonalità: Russa u Belarussa Sess: raġel Numru tal-passaport Belarussu: KH2757270 Karta tal-Identità tal-Belarussja: 3230465K000PB5 Numru tal-Passaport Russu: KH1935655	Uladzimir Arkadzyeu huwa s-sid parzjali ta' Vlate Logistik LLC, kumpanija tat-trasport u tal-ħżin li għandha l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat. Permezz ta' dan l-istatus, maħruġ mill-awtoritajiet tal-istat, tgawdi minn vantaġġi sinifikanti tat-taxxa. Permezz tas-sjieda ta' Vlate Logistik LLC, Zamulevich huwa assoċjat ma' entità li tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	16.12.2024".

(2) l-entrati li ġejjin jizziedu mal-lista stabbilita fit-taqsima “B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)”:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
“39.	Ruzekspeditsiya LLC RUZSPEDITION LLC OOO RUDENSKI UDOBRENCHESKI ZAVOD OBSHCHESTVO S OGRANICHENNOI OTVETSTVENNOSTYU RUZEKSPEDITSIYA	TAA ‘Рузэкспедыцыя’ ООО ‘Рузэкспедиция’	Indirizz: 1K Zavodzkaya St., room 36 Bolbasovo 211004 Belarus; 40 Nemiga St., room 304 Minsk 220004 Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 6.1.2016 Numru tar-reġistrazzjoni: 690664113 Indirizz elettroniku: info@ruz.by Tel. + 375296615929; + 375172006232 Sit web: https://ruz.by/	Ruzekspeditsiya LLC tmexxi n-negozju tagħha miż-Żona Ekonomika Speċjali (SEZ) ta' Bremino-Orsha stabbilita b'digriet presidenzjali ta' Aliaksandr Lukashenka li hija ġestita minn Bremino Group LLC. Bremino Group LLC ġiet elenkata fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006. Il-kumpaniji stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Speċjali ta' Bremino-Orsha jibbenefikaw minn vantaġġi fiskali u oħrajn finanzjarji Bremino-Orsha SEZ tospita u għalhekk tagħti dawn il-benefiċċji lil sitt kumpaniji biss, inkluż Bremino Group LLC. Id-deċiżjoni dwar min jista' jaqsa il-benefiċċji ta' Bremino-Orsha SEZ billi ssir residenti hija biss f'idejn Bremino Group LLC bħala l-kumpanija responsabbli għall-ġestjoni tas-SEZ. Għar-raġunijiet imsemija hawn fuq, Ruzekspeditsiya hija assoċjata ma' Bremino Group LLC. Bħala kumpanija stabbilita fis-SEZ ta' Bremino-Orsha, hija tibbenefika mir-reġim. Ruzekspeditsiya tiffaċilita wkoll il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 billi tipparteċipa fil-konsenja ta' karożżi pprojbiti li jinbiegħu, jiġu fornuti, trasferiti jew esportati mill-Unjoni lejn il-Belarussja.	16.12.2024
40.	Vlate Logistik LLC	TAA ‘ВЛАТЭ Логістык’ ООО ‘ВЛАТЕ Логистик’	Indirizz: 48 Komarova St., Pogranichny, 231773, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 16.4.2013 Numru tar-reġistrazzjoni: 192003422	Vlate Logistik LLC hija kumpanija Belarussa li għandha żewġ punti ta' kontroll fuq il-fruntiera bejn l-UE u l-Belarussja. Mill-10 ta' Awwissu 2023, Aleh Herasim, Aleh Piatrou, Iryna Kalesnikava, Aleh Barabanau, Dzmitry Zamulevich, u Uladzimir Arkadzyeu kellhom ishma ndaqs ta' Vlate Logistic LLC. Vlate Logistik LLC tibbenefika mir-reġim billi għandha l-istatus ta' 'operatur ekonomiku awtorizzat', li jippermetti eżenzjonijiet sinifikanti mit-taxxa u li jinħareġ mill-awtoritajiet tal-istat.	16.12.2024”.